MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 807/1983/1

**George Xuereb**
**vs**
**Dorothy mart George Xuereb**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi fit-2 ta' Ottubru, 2001. Il-kawza, pero`, tirrisali ghal ferm qabel, u precizament ghall-1 ta' Lulju, 1983. Kien in fatti fl-1 ta' Lulju, 1983 li l-attur appellant ipprezenta citazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. F'din ic-citazzjoni huwa ppremetta li dik il-Qorti – cioe` il-Prim Awla – fil-kawza fl-istess ismijiet

moghtija fl-14 ta' Awissu, 1981[1] (konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Mejju, 1982 u deciza finalment mill-Prim Awla fit-23 ta' Marzu, 1983) kienet ikkundannat lill-konvenuta martu tikkonsenjalu l-oggetti deskritti a fol. 6, 7, 8 u 9 ta' dak il-process; li martu naqset milli taghmel dan; li huwa, biex jipprova jottjeni l-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza talab u ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Qbid fil-11 ta' Mejju, 1983 izda dan il-Mandat ma setax jigi ezegwit ghax il-Marixxall Ezekuttiv ma setax isib l-oggetti fuq imsemmija; premess dan, l-attur talab lill-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex dik il-Qorti, in esekuzzjoni tal-fuq imsemmija sentenza, tordna l-hrug ta' mandat *in factum* kontra l-istess konvenuta.  Ghal din ic-citazzjoni, il-konvenuta wiegbet hekk:

***1. In-nullita` tac-citazzjoni peress illi l-premessi u l-kawzali mhumiex imfissra sewwa.***

***2. L-intempestivita` ta' l-azzjoni peress illi s-sentenza tat-23 ta' Marzu, 1983 naqset illi tiffissa t-terminu li fih kellha ssir l-esekuzzjoni, u minghajr pregudizzju, fit-tieni lok ghax l-attur anqas ma pprova jidhol fid-dar kif gie awtorizzat jaghmel.***

***3. Subordinatament, l-azzjoni hija infondata peress illi s-sentenza li taghha l-attur qed jitlob l-esekuzzjoni ordnat illi l-konvenuta tirritorna l-oggetti u fin-nuqqas l-attur huwa mistieden illi jidhol fid-dar u b'hekk is-sentenza tigi esegwita. Illi l-konvenuta ma fixklet xejn l-ezekuzzjoni tas-sentenza jew naqset li tobdiha.***

Permezz ta' eccezzjoni ulterjuri presentata fit-12 ta' Marzu, 1993 (fol. 80) il-konvenuta eccepiet ulterjorment hekk:

***Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet diga moghtija s-sentenza proferita minn din il-Qorti fl-14 ta' Awissu, 1981 konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Mejju, 1982 u deciza finalment minn din il-Qorti fit-23 ta' Marzu, 1983, ma tistax tigi ezegwita bil-hrug ta' mandat* in factum *kontra taghha stante li ormaj***

[1] Mill-atti, u senjatament mill-fotokopja tas-sentenzi a fol. 168 u 194, jidher li d-data korretta hija 24 ta' Awissu, 1981 u mhux 14 ta' Awissu, 1981.

***ghaddew aktar minn tlett snin minn meta il-fuq imsemmija sentenza setghet tigi ezegwita.***

L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha tat-2 ta' Ottubru, 2001 (cioe` fis-sentenza li qed tigi appellata bir-rikors ta' appell odjern) wara li ghamlet certi osservazzjonijiet u konstatazzjonijiet preliminari, kompliet hekk:

"KONSIDERAZZJONIJIET

A. MERTU TAL-KAWZA ODJERNA.

Illi l-attur ghamel din il-kawza stante li qed jallega li b'sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-istess ismijiet moghtija fl-14 ta' Awissu 1981, kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Mejju 1982, u deciza finalment minn din il-Qorti fit-23 ta' Marzu, 1983, l-konvenuta giet ikkundannata tikkonsenja lill-attur l-oggetti deskritti a fol 6, 7, 8 u 9 ta' dak il-process; u billi l-konvenuta naqset li taghmel dan, u billi biex jipprova jottjeni l-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza l-attur talab u ottjena l-hrug ta' Mandat tal-Qbid, fl-11 ta' Mejju 1983, imma dan ma setghax jigi ezegwit ghax il-Marixxall Ezekuttiv ma setghax isib l'oggetti fuq imsemmija u ghalhekk talab li in esekuzzjoni tal-fuq imsemmija sentenza din il-Qorti tordna l-hrug ta' mandat *in factum* kontra l-konvenuta.

B. PROVI PRODOTTI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li b'sentenza fl-ismijiet "George Xuereb vs Dorothy Xuereb" tal-14 ta' Awissu 1981, ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-17 ta' Mejju 1982, u deciza finalment fit-23 ta' Marzu 1983, u kkundannat lill-konvenuta sabiex tikkunsinna lill-attur l-oggetti deskritti f'fol.6,7,8, u 9 tal-istess process billi dawn huma oggetti prezzjuzi u tal-fidda u gojjelli, u ma jifformawx is-suppellettili imsemmija fis-sentenza citata, u kwantu ghall-ghamara indikata a fol. 4 u 5 tal-process, wara li nnominat lill-Avukat Dottor Tonio Borg bhala perit legali biex jghid liema minn dawn l-oggetti jaqghu taht il-kategorija ta' suppellittili u li huma ragonevolment xierqa ghal l-ghixien decenti tal-konvenuta, eskluzi minn dawn,

dawk li huma personali ghall-attur, u wara li rat l-istess relazzjoni tal-perit legali tal-24 ta’ Awissu 1981, cahdet it-talba attrici ghar-rigward tal-oggetti numerati 1 sa 38 a fol. 4 u 5 tal-process f’Dok. “A” u li jinsabu fid-dar ‘Avalon’, u laqghet it-talba attrici ghar-rigward tal-istess 39 u 40 dwar *“Antique Furniture”* li tinsab fil-garage bla numru, faccata 37, St. Ubaldesca Street, Paola, stante li tal-ewwel huma mehtiega ghall-ghixien decenti tal-konvenuta, waqt li t-tieni ma humiex, bl-ispejjez tal-ewwel sentenza a karigu tal-konvenuta, u bl-ispejjez tat-tieni sentenza a karigu tal-attur.

Illi giet esebita wkoll lista tal-istess oggetti fid-dokumenti mmarkati bhala Dok. “GX2” a fol. 63 sa 66 tal-process, u kopja informi tal-Mandat ta’ Qbid fl-ismijiet premessi numru 547/83 fejn il-Marixxall George Sammut irrefera li wara li mar fil-fond “Avalon”, St. Andrews Street, St. Julians, huwa gie informat mill-konvenuta li ma kien hemm l-ebda oggett indikat a fol. 6,7,8 u 9 tal-indikat process li kien jinsab fl-istess fond, u l-Marixxall ikkonferma dan meta ghamel tfittxija fl-istess fond fis-16 ta’ Gunju 1983. Dan kollu gie kkonfermat bil-gurament tieghu fis-seduta tat-2 ta’ Marzu 1994 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, fejn anke zied jghid li:-

*“M’inhiex mija fil-mija……..Jiena ghandi idea illi l-konvenuta meta jien insistejt biex nara fejnhom dawn l-affarijiet, qaltli illi hija kienet giet bzonn il-flus u kienet bieghthom. Lil min bieghthom ma qaltlix”.*

Illi l-attur sostna li wara dan iz-zmien kollu huwa baqa’ ma giex moghti l-istess affarijiet minn martu, li kienet qaltlu li kienet bieghet l-istess affarjiet peress li l-avukat taghha Dr. Eddie Fenech Adami kien ta parir sabiex tbieghom sabiex hija tkun tista’ tghix mill-flus li kienet iddahhal taghhom (fol.83), u fil-fatt meta kellu l-okkazzjoni li jidhol fid-dar taghha fl-okkazzjoni ta’ riceviment ghat-tifla, l-istess affarijiet ma kienx rahom hemm.

Illi l-konvenuta sostniet fis-seduta tat-3 ta’ Gunju 1994 (fol.247 sa fol. 253) li sostniet li hija dijabetika u kellhom tifla handikappata Veronique, u f’Dicembru 1976 l-istess

attur abbanduna d-dar konjugali u ma hallas l-ebda manteniment ghal sena shiha, u ghalhekk l-avukat taghha Dr. Eddie Fenech Adami, kien ta parir sabiex tbiegh kull ma kellha sabiex tmantni lilha nfisha u lil bintha, u wara mexxiet ghall-manteniment. Kellmet lill-ommha li irrangatilha li tbiegh l-istess oggetti lid-ditta “Cachia & Borg”, u fil-fatt dawn gew irtirati mill-istess u l-hlas ta’ Lm15,000 ghall-istess oggetti sar lill-mama taghha fis-sena 1977. Dawn il-flus zammithom ommha, u minnhom kienet tiehu flus sabiex tmantni lilha innifisha u lil bintha, u spejjez kollha anke medici li kien hemm bzonn sakemm mietet ommha fid-19 ta’ Mejju 1993. Wara dan il-bqija tal-flus fl-ammont ta’ Lm2,000 baqaw ghand hutha Godfrey u Dr. Michael Gialanze; l-attur kien ikkundannat ihallas manteniment lilha u lil bintha ta’ Lm100 kull wiehed, izda peress li l-istess attur ma kienx regolari fil-pagament tal-istess u anke peress li ma kienux dejjem isservuha, kienet tiehu l-flus minghand ommha mir-rikavat tal-istess bejgh. Dan apparti li kienet dahlet it-tifla fid-dar ta’ Providenza, u l-attur kien waqqaf il-manteniment tal-istess, ghalkemm hija kienet xorta tonfoq ghall-ispejjez in konnessjoni mal-istess.

Illi fis-seduta tat-2 ta’ Dicembru 1994 (fol. 255 sa fol. 258) il-konvenuta sostniet li hija ezatt ezatt l-oggetti ma tafx x’sar minnhom fl-ewwel lok ghaliex halliet kollox f’idejn ommha, u fit-tieni lok  ma tafx kienx hadhom l-attur meta huwa sgassa id-dar qabel ma inghatat is-sentenza , u fit-tielet lok ma tafx uzathomx bhala garanzija, kollox bejn is-sena 1977 u 1978.

Illi l-istess konvenuta ikkonfermat ukoll li waqt il-proceduri li rrizultaw ghas-sentenza mertu tal-kawza odjerna hija qatt ma kienet semmiet li dawn l-oggetti ma kienux ghandha, ghaliex hadd ma kien saqsiha dwar l-istess, ghalkemm kienet qalet b’dan lill-avukat taghha Dr. Eddie Fenech Adami. In kontro-ezami sostniet li ma tafx ghaliex ghamlet rikorsi ghall-manteniment fejn sostniet li ma kellhiex flus, meta fil-fatt kellha l-Lm15,000 derivanti mill-bejgh tal-istess oggetti.

Illi fil-kontro-ezami taghha tad-29 ta' Mejju 1996, sostniet li l-istess flus dejjem inzammu mill-mama taghha, u ma tafx jekk kienux gew depozitati l-bank, u lanqas jekk saritx stima preventiva qabel ma inbieghu lill-'Cachia & Borg', pero' taf li kienet bieghet l-istess oggetti ghal skop ta' manteniment ghaliha u ghal bintha ghaliex l-attur ma kienx qed ihallas manteniment, pero' ma ghamlet l-ebda rapport lill-pulizija dwar dan in-nuqqas tal-attur. Sostniet li l-attur kien ihallas il-manteniment tard, gieli tlett (3) xhur tard, pero' fil-fatt il-manteniment dejjem thallas minn meta gie stabbilit mill-Qorti.

## C. KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI U FATTWALI.

Illi l-artikolu 385 tal-Kap 12 jipprovdi li:-

*"(1) Fl-esekuzzjoni tal-mandati in factum, il-Marixxall ghandu jimxi bhal ma jkun gie ordnat fil-mandat".*

*"(2) Il-mandat ghandu jkun fih l-ordni li l-esekutat ghandu jigi mehud il-habs, sabiex hemm jinzamm bi spejjez tieghu nnifsu, sakemm ma jaghmilx il-fatt ordnat b'sentenza, jew sakemm il-qorti jidrilha li huwa mehtieg sabiex tizgura l-esekuzzjoni ta' dak il-fatt".*

*"(3) Il-mandat ma ghandux jinhareg hlief b'ordni espressa tal-qorti moghtija fuq talba maghmula b'citazzjoni mill-kreditur".*

*"(4) Il-qorti ghandha biss tohrog il-mandat jekk tkun sodisfatta li l-kreditur ma ghandux mezz iehor ta' esekuzzjoni".*

Illi minn dawn id-disposizzjonijiet jidher car li t-talba ghall-hrug ta' dan il-mandat ghandha ssir permezz ta' citazzjoni ("Fedele Dalli vs Victor Mallia" – P.A. 28 ta' Jannar 1974), u ghandu jkun precedut minn sentenza li tkun ikkundannat lill-konvenut sabiex jesegwixxi xi att, li jibqa' mhux esegwit, u il-Qorti trid tara li tali mandat huwa necessarju sabiex tigi esegwita s-sentenza u dan gie affermat fis-sentenza "Agius vs Dimech" (P.A. 22 ta' Novembru 1866

–III.661; “Mallia vs Lanzon” (P.A. 21 ta’ Novembru 1879 – VIII.881).

Illi l-iskop ghalhekk tal-istess mandat huwa sabiex tikkundanna lill-konvenut *“in prigione per esservi trattenuto a propria spese finche’ non avesse adempito il-fatto ordinato colla sentenza”* (“Galea utrinque” – Cremona Gurisprudenza Vol.1.p. 834).

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti dan il-mandat ma jistax johrog hlief wara talba permezz ta’ citazzjoni *ad hoc* nonostante t-titolu esekuttiv li jkun ottjena l-kreditur sabiex il-Qorti taccerta ruhha li jezistu il-presupposti ghall-hrug tal-istess mandat u cioe’ li l-istess konvenut kien ikkundannat b’sentenza sabiex jaghmel xi att hemm ordnat fil-konfront tal-attur, u sabiex tivverifika li fil-fatt dan l-att verament ma sehhx in konformita’ mal-istess sentenza indikata, u fit-tieni lok sabiex jigi stabbilit jekk tali mandat huwiex mehtieg sabiex tassigura l-esekuzzjoni ta’ tali fatt.

Illi ghalhekk fl-ewwel ipotesi din il-Qorti trid tara li fil-fatt il-mandat in kwistjoni irid jintalab biss *“nel caso che il-condannato non avesse adempito l’obbligazione di un fatto importagli con una sentenza”.* (“Camilleri vs Azzopardi” 23 ta’ Frar 1860).

Illi dan gie kkonfermat fis-sentenza “Vincenzo Farrugia Busuttil *et vs* Giovanni Magri” (K. (P.D) 18 ta’ Novembru 1901 – XVIII.iii.56) fejn inghad li:-

*“Il mandato in factum non si puo’ ottenere in esecuzione di una sentenza, la quale condanna il debitore il pagamento di una somma di denaro, ma in esecuzione di una sentenza, la quale condanna il debitore alla prestazione di un fatto”.*

Illi dan gie affermat fis-sentenza “Pace Bonello *vs* Gatt” (P.A. (G.P.) 19 ta’ Novembru 1898) fejn inghad li:-

*“Atteso che, come fu ritenuto da varie decisioni dei tribunali di questa isola e, segnatamente da questa Corte nelle decisioni del 2 Ottobre 1879, nella causa “Schembri*

*utrinque" (Coll.VIII,835), il 21 Novembre 1879, nella causa "Mallia vs Lanzon" (ibid.VIII.889), il 27 Giugno 1881, nella causa "Zirillo vs Borg" (ibid.IX.465) ed il 29 novembre 1892, nella causa "Siminiana vs Pace" (ibid.XIII.360), per la spedizione del mandato in factum e' necesaario l'inadempimento di un fatto personale del debitore, e l'obbligo di pagare una somma di denaro, o di consegnare una o piu' cose determinate consiste in una obbligazzione di dare ed il suo inadempimento non conferisce al creditore il diritto di domandare contro il debitore la condanna al mandato in factum".*

Illi din il-Qorti mela trid tassikura ruhha qabel ma taghti l-ordni ghal hrug ta' tali mandat li l-obbligazzjoni indikata fis-sentenza ma tkunx wahda ta' hlas u lanqas sabiex tigi moghtija xi haga determinata, izda ghandha tikkonsisti fil-kompjiment ta' att personali ghall-istess debitur, u mhux biss izda stante id-disposizzjoni tal-artikolu 385 (4) tal-Kap 12, irid jigi accertat ukoll li kif inghad fis-sentenza "Fedele Dalli vs Victor Mallia" (P.A. 26 ta' Jannar 1974) *"jekk gewx esegwiti mezzi ohra ta' esekuzzjoni jekk dan ikun possibbli fic-cirkostanzi".*

Illi it-tieni konsiderazzjoni li ghandha tiehu din il-Qorti huwa jekk dan il-mandat huwiex ukoll mehtieg sabiex jassigura l-esekuzzjoni tas-sentenza, u taht dan l-aspett fis-sentenza "Salvatore Portelli vs Antonio Bugeja" (P.A. (S.M.) 28 ta' Marzu 1913 – XXII.39) inghad illi:

*"Che l obbiettivo del sistema del procedimento esecutivo essendo al di' d'oggi quello di convertire nella obbligazione di 'dare' tuttel le obbligazioni di 'fare' risolvendo nella rifusione pecunaria il-danno emergente dalla inadempita' obbligazione, chiaro che scorge che onde constringere il debitore riluttante o moroso al rispetto della santita' dei patti ed alla stretta osservanza dell' autorita` dei giudicati, sia duopo ricorrere a tutti altri mezzi cattivi, prima di far ricorso alla odiosa conzione personale, la quale, come misura estrema ed eccezionale, non potrebbe venire consentita, che nel solo caso che la obbligazzione di 'fare' non si possa risolvere nella azione di danni – interessi contro l'inadempiente".*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid illi:-

*"Il mandato 'in factum' non potrebbe venire spedito, se non nel solo caso in cui l'obbligazzione di 'fare' non potesse risolversi in una obbligazione di 'dare' e l'arresto del condannato all'adempimento di un fatto personali non fosse indispensabile, a giudizio della Corte, ad assicurarsi l'adempimento".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta li s-sentenza citata bejn il-partijiet indikata fic-citazzjoni attrici datata 23 ta' Marzu 1983, ikkundannat lill-konvenuta sabiex taghti lill-attur l-oggetti kollha indikati fl-istess sentenza u esebiti a fol. 6, 7, 8 u 9, u l-oggetti enumerati 39 u 40 a fol. 4 u 5 tal-istess process f"Dok. "A".

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess attur ipprova jesegwixxi l-istess sentenza permezz tal-mandat ta' Qbid numru 547/83, pero' kien kollu ghalxejn stante li l-oggetti ma kienux fl-istess post tal-konvenuta, anke ghaliex kif l-istess Marixxall ikkonferma, hija sostniet mieghu li l-istess oggetti kienu gew mibjugha minnha tramite il-mama` taghha fin-1977.

Illi ghalhekk minn dan jirrizulta li ghalkemm l-attur gja ipprova jesegwixxi l-istess sentenza permezz ta' mandati esekuttivi ohra, la darba ma wasalx b'dawn, ittenta wkoll din il-procedura tal-mandat *in factum*, procedura ftit li xejn uzata proprju minhabba l-odjosita' taghha, li twassal ghal karcerazzjoni tal-istess persuna kkundannata civiliment tali naqset li tesegwixxi l-obbligazzjonijiet taghha anke dettati minn gudikat fil-konfront taghha.

Izda fl-opinjoni ta' din il-Qorti abbazi tal-gurisprudenza nostrali, din l-procedura attrici odjerna ma tistax tirnexxi stante li dan il-mandat ma huwiex disponibbli ghall-kaz in kwistjoni, u dan peress li s-sentenza li kkundannat lill-konvenuta tikkonsisti f'ordni sabiex l-istess konvenuta taghti lill-attur oggetti determinati, u tali sentenza ghalhekk tikkostitwixxi kundanna ghall-att li taghti u mhux att li taghmel; fi kliem iehor din id-decizjoni tikkonsisti

f'obbligazjoni *di dare* u mhux *di fare*, u la darba l-istess artikolu japplika biss ghall-gudikati bl-obbligazzjoni *di fare,* dan il-mandat ma huwiex ghalhekk disponibbli ghall-attur.

Illi inoltre dan il-mandat ma huwiex ukoll applikabbli ghall-kaz in ezami, stante li l-obbligazzjoni tal-konvenuta sancita u kanonizzata bis-sentenza citata, tista' tigi dejjem konvertita' fl-obbligazzjoni da parte tal-konvenuta sabiex thallas id-danni konsegwenti ghan-nuqqas taghha li taghti lura lill-attur l-oggetti elenkati fl-istess sentenza, konsistenti fil-valur tal-istess oggetti apparti kull interessi li jistghu ikunu dovuti skond il-ligi. Dan l-attur setgha ghamlu kemm fis-sentenza stess kieku talab hekk, u fi kwalunkwe kaz dan jista' xorta jaghmlu b'azzjoni *ad hoc.* ("Salvatore Portelli vs Antonio Bugeja" – gja citata).

Illi ghalhekk abbazi tal-premess jirrizulta li l-azzjoni attrici ghall-hrug ta' mandat *in factum* ma tistax tirnexxi stante li l-istess azzjoni ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-artikolu 385 u cjoe' li l-obbligazzjoni fis-sentenza citata bejn l-istess partijiet ma ikkundannatx lill-konvenuta sabiex taghmel xi haga a differenza minn obbligazzjoni sempliciment *di dare,* u ghalhekk l-istess obbligazzjoni *di dare* tista' dejjem tigi trasmessa f'obbligazzjoni ghall-hlas ta' danni u hlas ta' interessi skond il-ligi.

Illi fil-fatt jinghad ukoll li peress li l-artikolu 388 tal-Kap 12 jipprovdi li l-esekuzzjoni tal-istess mandat *di factum "ihalli shih il-jedd ta' azzjoni ghad-danni u l-imghaxijiet ikkagunati bin-nuqqas ta' esekuzzjoni tal-fatt ordnat b'sentenza"* isegwi li r-ragunament fuq premess, li tali mandat ma jistax jigi applikat la darba l-obbligazzjoni tista' tigi konvertita' fi hlas ta' danni, huwa dak korrett ghaliex l-appena citat artikolu qed jirreferi ghall-azzjoni ohra oltre l-persegwiment tal-esekuzzjoni tal-azzjoni kannonizzata bis-sentenza, mentri fil-kaz in ezami l-hlas ta' danni minhabba in-nuqqas li l-konvenuta taghti l-oggetti lura lill-attur, hija l-esekuzzjoni tal-istess obbligazzjoni medessima *di dare*, li giet biss likwidata.

Illi bla pregudizzju ghal dak li fuq gie deciz, fl-ahharnett din il-Qorti ma thossx li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-

istess mandat ma huwiex mehtieg sabiex jassigura l-esekuzzjoni tal-istess sentenza, ghaliex anke kieku l-obbligazzjoni *'di dare'* hija wkoll inkluza fil-parametri tal-istess att esekuttiv (li ma hijiex) la darba irrizulta fil-kawza odjerna, li tali oggetti ma ghadhomx fil-pussess tal-konvenuta, kif l-attur kien gja jaf mir-riferta tal-Marixxall fis-16 ta' Gunju 1983 fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Numru 547/83, u peress li l-istess konvenuta ikkonfermat bil-gurament taghha diversi drabi tul din il-kawza li l-istess oggetti hija ilha li bieghethom mis-sena 1977, dan il-mandat anke jekk jigi ammess qatt ma jista' jwassal sabiex il-konvenuta tikkonsenja xi haga li ma ghadhiex ghandha.

Illi dan ma jfissirx li din il-Qorti qeghda b'xi mod tapprova l-atti li ghamlet l-istess konvenuta, anzi thoss li l-agir tal-konvenuta ghandu jigi censurat dejjem fl-ambitu tal-kuncett tal-osservanza tad-decizjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti, u partikolarment lejn dawn il-Qrati, pero' l-Qorti ma tistax ma tiehux konjizzjoni tal-principju "*nemo impossibilia tenetur*" u ma tistax ghalhekk tippretendi li jsir l-impossibbli, tenut kont tal-fatt li l-attur ghandu diversi triqat miftuha sabiex jottjeni l-esekuzzjoni tal-istess sentenza anke tramite d-danni li jista' jirreklama inkluz l-hlas tal-valur tal-istess oggetti u l-imghaxijiet applikabbli.

Illi jigi rilevat ukoll li f'dan il-kuntest l-attur ma gab l-ebda prova kwalunkwe li l-istess oggetti ghadhom fil-pussess tal-istess konvenuta, u ghalhekk anke jekk jinghad li l-istess konvenuta ma kienitx dejjem cara kif iddisponiet mill-istess oggetti, xorta' jibqa' l-fatt li mill-provi l-allegazzjoni tal-konvenuta li hija iddisponiet mill-istess oggetti ma giet bl-ebda mod kontradetta bi provi precizi u konkludenti mill-attur.

Illi kwantu ghall-eccezzjoni dwar in-nullita' tac-citazzjoni in kwantu din tirriferi ghall-formolazzjoni tac-citazzjoni din hija kompletament bla ebda fondament legali, fattwali u guridiku stante li ma hemm l-ebda dubju dwar in-natura tal-azzjoni attrici. In kwantu din hija ibbazata fuq id-dikjarazzjoni attrici li hija ma ghadx ghandha l-oggetti in kwistjoni fil-pussess taghha, kif minnha iddikjarat fid-

dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni attrici, din il-Qorti tirreferi ghal dak li intqal iktar il-fuq dwar ir-rekwiziti tal-mandat *in factum*, li ghalkemm ma jimportax teknikament in-nullita' tac-citazzjoni attrici, jwasslu ghac-cahda tat-talbiet attrici stante li l-provedimenti tal-artikolu 385 ma gewx sodisfatti fil-kaz in ezami.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni din ma ghandha ebda fondament guridiku ukoll u fil-fatt il-konvenuta qatt ma irreferiet fuq liema bazi hija tat l-istess eccezzjoni.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni din hija ukoll bla ebda bazi stante li s-sentenza ordnat biss ir-ritorn tal-istess oggetti u huwa misteru kif il-konvenuta ghamlet l-istess konkluzzjonijiet hemm indikati.

Illi dwar in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri din ukoll hija bla bazi stante li s-sentenza giet moghtija fit-23 ta' Marzu 1983, u l-kawza saret fl-1 ta' Lulju 1983, u allura ma hemmx id-dekors ta' tlett (3) snin (illum 5 snin) mid-data tas-sentenza u mit-tentattiv tal-esekuzzjoni tal-istess, li kien ovvjament qed jittenta li jsir permezz ta' din il-kawza.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda."

Wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet, l-ewwel Qorti ddecidiet hekk il-kawza:

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tilqa' biss l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta kif fuq indikat, tichad it-talbiet attrici stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur."

L-appellant George Xuereb elenka l-aggravji tieghu fi hdax-il paragrafu fir-rikors ta' appell tieghu tad-19 ta' Ottubru, 2001. Xi whud minn dawn il-paragrafi fil-fatt ikopru piu` o meno l-istess terren u ghalhekk jistghu jigu

ragruppati flimkien. Hekk, per ezempju, l-ewwel zewg paragrafi (jew aggravji) huma bazikament fis-sens li s-sentenza appellata kienet nulla peress li l-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza a bazi ta’ eccezzjoni – dik li l-Artikolu 385 tal-Kap. 12 ma japplikax ghal obbligazzjonijiet “di dare” – meta tali eccezzjoni qatt ma kienet giet imqajma specifikatament mill-konvenuta, b’mod ghalhekk li, dejjem skond l-appellant, hu mhux biss gie sorpriz izda gie wkoll privat mid-dritt tieghu ta’ smiegh xieraq. Dana l-aggravju kien ikollu xi validita` li kieku l-konvenuta quddiem l-ewwel Qorti flok ma kkontestat it-talba ghall-hrug tal-mandat *in factum* ammettiet dik it-talba bil-mod kif previst fl-Artikolu 158(2) tal-Kap. 12. F’dan il-kaz, pero`, kien hemm kontestazzjoni. Huwa certament il-kompitu tal-Qorti <u>li tassigura</u>, imqar fuq bazi *prima facie*, li meta tigi mitluba sabiex tohrog xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmija fl-Artikolu 273 tal-Kap. 12, <u>ikun hemm il-bazi legali u fattwali ghall-hrug ta’ tali att</u>. Huwa veru li, a differenza tal-mandati l-ohra, it-talba ghall-hrug ta’ mandat *in factum* issir b’citazzjoni (Art. 385(3)) u mhux b’rikors. Fil-fehma ta’ din il-Qorti din il-procedura tac-citazzjoni giet imposta mil-legislatur minhabba n-natura pjuttost eccezzjonali ta’ dan il-mandat – li jgib mieghu id-depravazzjoni tal-liberta` personali ta’ dak li jkun – b’mod li l-legislatur ried jaghti aktar opportunita` lill-parti li kontra taghha jintalab il-mandat *de quo* li tiddefendi ruhha mill-bidu nett, u mhux ikollha ghalfejn toqghod tirrikorri ghal proceduri ohra wara li l-mandat ikun inhareg biex tirrevokah. Kienet ghalhekk perfettament intitolata l-ewwel Qorti li tara jekk kienx hemm il-presuppost legali ghall-mandat mitlub; u jekk l-attur ghazel li ma jaghmilx sottomissjonijiet dwar punt notorju ta’ kontroversja in tema ta’ mandat *in factum* (cioe` jekk dan il-mandat japplikax ghal obbligazzjonijiet “di dare”) huwa ma jistax f’dana l-istadju jilmenta minn xi nuqqas ta’ smiegh xieraq. Din il-Qorti tosserva wkoll li fi kwalunkwe kaz l-ewwel parti tat-tielet eccezzjoni tal-konvenuta – *“…l-azzjoni hija infondata peress illi s-sentenza li taghha l-attur qed jitlob l-esekuzzjoni ordnat illi l-konvenuta <u>tirritorna l-oggetti</u>…”* (sottolinear ta’ din il-Qorti) kienet tinnecessita ezami ta’ jekk kienx hemm l-imsemmija presupposti legali, anke jekk l-ewwel Qorti, kif jidher mis-sentenza appellata, fehmet din l-eccezzjoni

b'mod differenti tant li abbinata mal-*"…misteru kif il-konvenuta ghamlet l-istess konkluzzjonijiet hemm indikati"*. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

L-appellant jilmenta wkoll li s-sentenza appellata fiha *"…kontradizzjoni interna bejn il-parti esposittiva u l-parti dispositiva"* u li *"…tali kontradizzjoni ggib maghha n-nullita` tas-sentenza (Art. 811 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta)".* Dana l-aggravju huwa fondat f'certu sens, pero` infondat in kwantu qed jintalab li din il-Qorti tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla. L-appellant jaghmel referenza ghall-Artikolu 811, li jitratta r-ritrattazzjoni, u presumibbilment qed jirreferi ghall-paragrafu (i) tieghu li jipprovdi li jkun hemm lok ghal ritrattazzjoni *"…jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin".* Kwantu ghal dan il-paragrafu (i) din il-Qorti kellha diga` okkazjoni li tosserva aktar minn darba li – ghall-finijiet ta' ritrattazzjoni ta' kawza (u allura ta' l-annullament tas-sentenza biex wara tigi ritrattata dik il-kawza) – il-kontradizzjoni trid tirrizulta fid-<u>dispozittiv</u> tas-sentenza u mhux, per ezempju, bejn id-dispozittiv u l-konsiderazzjonijiet jew motivi tas-sentenza, *"…poiche` quando vi e` siffatta contradizione manca la base della sentenza stessa cioe` la certezza del gudicato"* (ara f'dan is-sens ***Carmelo Busuttil v. Mary Gauci et.*** Qorti ta' l-Appell, 24 ta' Jannar, 1997; ***Marie-Louise Muscat Inglott sive Marie-Louise Muscat Manduca et v. Louis Manduca*** Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Dicembru, 2002). Fis-sentenza appellata, fid-dispozittiv taghha, ma hemm ebda kontradizzjoni – l-ewwel Qorti qalet car u tond li qed tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u tichad it-talbiet attrici. Ma jista' jinghad li hemm ebda incertezza fl-ezitu jew fil-portata ta' dak il-gudikat. Il-"kontradizzjoni", jekk wiehed jista' jsejjhilha hekk, qieghda – u huwa f'dan is-sens limitat li l-appellant ghandu ragun – fil-fatt li fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti jidher li rravvizat fl-ewwel eccezzjoni mhux biss dik tan-nullita` tac-citazzjoni izda wkoll l-eccezzjoni li t-talba attrici ma setghetx tintlaqa' minhabba nuqqas ta' xi presuppost legali. In fatti dik il-Qorti qalet hekk:

“Illi kwantu ghall-eccezzjoni dwar in-nullita’ tac-citazzjoni in kwantu din tirriferi ghall-formolazzjoni tac-citazzjoni din hija kompletament bla ebda fondament legali, fattwali u guridiku stante li ma hemm l-ebda dubju dwar in-natura tal-azzjoni attrici. In kwantu din hija ibbazata fuq id-dikjarazzjoni attrici li hija ma ghadx ghandha l-oggetti in kwistjoni fil-pussess taghha, kif minnha iddikjarat fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni attrici, din il-Qorti tirreferi ghal dak li intqal iktar il-fuq dwar ir-rekwiziti tal-mandat *in factum*, li ghalkemm ma jimportax teknikament in-nullita’ tac-citazzjoni attrici, jwasslu ghac-cahda tat-talbiet attrici stante li l-provedimenti tal-artikolu 385 ma gewx sodisfatti fil-kaz in ezami.”

Hawnhekk certament mhux biss ma kienitx cara l-ewwel Qorti, izda anqas jista’ jinghad li kienet korretta. In-nuqqas ta’ presuppost jew presupposti legali biex tintlaqa’ talba ghall-hrug ta’ mandata *in factum* ma ghandu x’jaqsam xejn ma’ l-eccezzjoni tan-nullita` tac-citazzjoni *“…peress illi l-premessi jew kawzali ma humiex imfissra sew”.* Minkejja dan, pero`, il-portata tas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti kienet cara – dik il-Qorti cahdet it-talba ghall-hrug ta’ mandat *in factum* ghax l-obbligazzjoni li kien qed jintalab li tigi ezegwita kienet wahda “di dare” u mhux “di fare”. Dana l-aggravju ta’ l-appellant, ghalhekk, immirat biex jannulla s-sentenza appellata qed jigi respint.  Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni anke fid-dawl tad-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 790 tal-Kap. 12.

Aggravju iehor ta’ l-appellant – hu hawnhekk huwa l-qofol kollu ta’ din il-kawza – hu fis-sens li l-gurisprudenza msemmija mill-ewwel Qorti li tghid li mandat *in factum* mhux applikabbli ghal obbligazzjoni “di dare” giet sorpassata.  Fi kliem l-appellant:

***Illi fil-mertu u dana minghajr ebda pregudizzju ghan-nullita` fuq imsemmija il-gurisprudenza msemmija giet sorpassata fis-sens illi l-interpretazzjoni odjerna hija li ‘mandat in factum’ huwa applikabbli ukoll ghall-konsenja tal-oggetti. In effetti l-obbligazzjoni li wiehed***

***jikkonsenja hija fil-fatt obbligazzjoni sabiex wiehed jaghmel xi haga – obbligazione di fare.***

L-appellant, pero`, ma ccita jew ghamel referenza ghal ebda gurisprudenza li "issorpassat" xi gurisprudenza ohra. Issa, apparti mis-sentenzi – veru ftit antiki – msemmija fis-sentenza appellata, ghandu jigi osservat li anke aktar recentement din il-Qorti kellha l-opportunita` li tezamina l-kwistjoni tal-mandat *in factum* u ta' jekk dan japplikax ghal obbligazzjoni "di dare". In fatti, fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-2 ta' Lulju, 1975 fl-ismijiet ***Anna mart Charles Bonnici et v. Vincenza xebba Camilleri et*** inghad hekk a propositu tal-kwistjoni in ezami:

***Illi skond il-klassika distinzjoni ta' l-obbligazzjonijiet, kif rikonoxxuta fl-art. 1169, 1170 u 1171[2] tal-Kodici Civili taghna, dawn jitqassmu f'obbligazzjonijiet "di dare", "di fare" u "di non fare". Skond l-art. 1169 l-obbligazzjoni "di dare" dejjem tirriferixxi ghal "haga". Din il-klassifikazzjoni kellha parti importanti fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati dwar il-hrug ta' mandat 'in factum' taht l-art. 386 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 15[3]) billi, nonostante certa oxxillazzjoni f'din il-gurisprudenza dik l-aktar segwita hi li l-mandat 'in factum' ma jistax jintalab ghall-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni "di dare", anke jekk ordnata b'sentenza, imma jista' jintalab ghall-eseluzzjoni ta' obbligazzjoni "di fare". Kif gie deciz mill-Imhallef Dottor Giovanni Pullicino fid-19 ta' Novembru, 1898 fl-ismijiet <u>Pace Bonello vs. Gatt</u> (Koll. Vol. XVI, II, 340):*** **"Per la spedizione del mandato 'in factum' e` necessario l'inadempimento di un fatto <u>personale</u> del debitore. L'obbligo di pagare una somma di denaro o di consegnare o depositare una <u>cosa</u> determinata, anche quando tale obbligo nasce da sentenze, consiste in una obbligazione di dare e il suo inadempimento non conferisce al creditore il diritto di chiedere contro il debitore la spedizione del mandato 'in factum';**

---

[2] Illum Artikoli 1126, 1127 u 1128 tal-Kap. 16.
[3] Illum Kap. 12.

***Illi din il-Qorti taqbel li l-obbligazzjoni ta' konsenja ta' "haga" hi obbligazzjoni "di dare" u mhux "di fare"….u li ghalhekk f'kaz ta' obbligazzjoni ta' konsenja ta' "haga" jidher pjuttost li ghandha tigi segwita l-gurisprudenza fuq imsemmija, ghalkemm lanqas ma jista' jinghad li l-kurrent l-iehor gurisprudenzjali hu traskurabbli.***

F'dik il-kawza (cioe` ***Bonnici et v. Camilleri et***) din il-Qorti kienet laqghet it-talba ghall-hrug ta' mandat *in factum* proprju ghax l-obbligazzjoni li wiehed jghaddi tifel, li jkun jinsab ghandu, lil haddiehor ma setax jitqies bhala l-konsenja ta' "haga", peress li l-persuna umana m'ghandhiex tigi ekwiparata ma "oggetti" mobbli. B'dan il-mod, pero`, din il-Qorti f'dik il-kawza kkonfermat il-gurisprudenza prevalenti li fil-kaz ta' obbligazzjoni "di dare" ta' haga jew hwejjeg il-mandat *in factum* ma hux applikabbli. Din il-Qorti ma tara ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddipartixxi minn dan l-insenjament, u ghalhekk dana l-aggravju ta' l-appellant Xuereb qieghed jigi wkoll respint.

Din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tidhol fl-aggravji l-ohra ta' l-appellant, cioe` dawk fil-paragrafi enumerati 5 sa 11 tar-rikors ta' appell tieghu, aggravji li bazikament jistaqsu x'rimedju allura seta' kellu l-appellant jekk m'ghandux ir-rimedju tal-mandat *in factum* u li huma bbazati fuq il-premessa li l-ewwel Qorti ma messiex emmnet lill-konvenuta li dina kienet bieghet l-oggetti fl-1997. Dawn huma kollha konsiderazzjonijiet sekondarji ghall-punt principali u deciziv f'din il-kawza, u cioe` jekk setax jinhareg il-mandat *in factum* kif mitlub meta l-obbligazzjoni kienet wahda ta' konsenja ta' oggetti.

Din il-Qorti tara, pero`, li hemm lok ta' varjazzjoni dwar il-kap ta' l-ispejjez, u dan principalment minhabba l-fatt li jidher mill-atti li l-konvenuta tawwlet din il-kawza inutilment, principalment bid-difizi (xi whud minnhom ingarbuljati) li ressqet, pero` anke minhabba li l-punt ta' dritt dwar l-applikabbilita` o meno tal-mandat *in factum* ma hux xi punt li jista' jitqies bhala wiehed facli (ara l-Artikolu 223(3) tal-Kap. 12).

Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu din cahdet it-talba ta' l-attur ghall-hrug ta' mandat *in factum* kontra l-konvenuta, izda tordna (minflok dak ordnat fis-sentenza appellata) li l-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.  L-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom ukoll jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------